MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 1695/2001/1

**John Galea**

**vs**

**Emmanuela Galea**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 24 ta' Ottubru 2001 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur u l-konvenuta zzewgu fl-4 ta' Lulju 1964 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. "JG1";

U illi miz-zwieg ta' bejn il-kontendenti twieldu disat (9) itfal, u cjoe' Leslie, Christopher, Joseph, Helen, Mary, Grace, Stephen, Natasha u Adriana, l-ahhar tnejn ghad

ghandhom sbatax (17) u tlettax-il sena (13) rispettivament u ghalhekk ghadhom minuri;

U illi l-konvenuta saret hatja kontra l-attur zewgha ta' sevizzi, minaccji, ingurji gravi, adulterju u abbandun, u peress illi ghalhekk giet resa mpossibbli l-hajja konjugali bejniethom;

U illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li jgib in-numru 776/2001 (anness u mmarkat bhala Dok. "JG2");

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

(1) Tippronunjza s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti l-konjugi Galea minhabba adulterju, sevizzji, minaccji, ingurji gravi, abbandun li l-imsemmija konvenuta kkomettiet kontra zewgha, u minhabba li z-zwieg bejn l-kontendenti tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet li huma imputabbli lill-konvenuta.

(2) Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Natasha u Adriana f'idejn l-attur.

(3) Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur ghalih u ghall-imsemmija minuri dik ir-retta alimentarja li din l-Onorabbbli Qorti joghgobha tiffissa skond il-bzonnijiet tal-attur u l-mezzi ta' martu.

(4) Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta, *occorrendo* billi jigi nominat perit, nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-kontumaci fuq l-istess att.

(5) Tassenja l-assi parafernali ta' l-attur u tassenja l-istess assi lill-attur.

(6) Tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili.**

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat li l-konvenuta debitament notifikata fis-17 ta’ Jannar 2002 (*a tergo* fol. 10) baqght ma pprezentat l-ebda nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat il-verbali tas-6 ta’ Frar 2002, 25 ta’ April 2002 fejn inghata digriet ghall-prezentata tal-affidavits attrici; tat-8 ta’ Ottubru 2002, tat-8 ta’ Jannar 2003, tal-20 ta’ Marzu 2003, u tal-21 ta’ Mejju 2003 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghall-lum 26 ta’ Frar 2004.

Rat l-affidavits ipprezentati mill-attur fit-18 ta’ Settembru 2002, konsistenti fl-affidavit tieghu, ta’ Natasha Galea, Grace Galea, u Helen James.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kontendenti zzewgu fl-4 ta’ Lulju 1964 u kellhom disat itfal li wahda minnhom biss ghadha minorenni, u li xi sena u xahrejn mid-data tal-affidavits kollha attrici (17 ta’ Mejju 2002) l-konvenuta telqet mid-dar u skond ix-xhieda kollha prodotta, u cjoe’ l-attur u tlieta minn uliedu Natasha Galea, Gracie Galea, u Helena James, l-istess konvenuta marret tghix ma’ certu Domenic Scerri. Mill-ahhar xhieda li giet prodotta f’din il-kawza jidher li s-sitwazzjoni ghadha hekk sal-llum.

Illi fil-fatt jigi nnutat li b’digriet tas-Sekond’ Awla datat 5 ta’ Gunju 2000 kienet il-konvenuta li rrikorriet ghall-proceduri

ta' seperazzjoni personali minhabba ragunijiet imputabbli lill-attur u fil-fatt il-kura u l-kustodja tal-minuri Adriana nghatat lilha bi dritt ta' access b'supervizjoni fic-Centru Hidma Socjali favur l-attur u bi dritt ta, manteniment ghaliha u ghal bintha li komplessivament jammontaw ghal Lm120 fix-xahar, u wara hames xhur Lm140 fix-xahar.

Illi jidher li minn dakinhar l-affarijiet tbiddlu tant li l-istess minuri llum qed tghix mal-istess attur, *stante* li skond ix-xhieda prodotta l-attrici ma baqghetx izzomm lill-istess minuri minn fejn kienet qed toqghod, u minn dakinhar l-istess minuri ghexet ma' missierha.

Illi saru allegazzjonijiet specifici li l-istess konvenuta kienet qed tghix ma' dan Domenic Scerri, anke meta l-istess minuri kienet qed tghix maghha skond id-digriet indikat, u din il-Qorti thoss li fid-dawl tal-provi unikament prodotti mill-attur, bla ebda kontestazzjoni ta' xejn, hemm provi bizzejjed sabiex tippronunzja s-separazzjoni minhabba adulterju u sevizzi *da parte* tal-konvenuta u wkoll peress li l-hajja bejn il-kontendenti get resa mpossibbi u z-zwieg tkisser irremedjabbilment.

Illi minhabba l-provi kif prodotti l-kura u l-kustodja tal-minuri Adriana ghandha tigi fdata f'idejn l-attur b'dan pero' li din il-Qorti qed tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex taghmel *monitoring* tas-sitwazzjoni tal-minuri u fl-interess tal-minuri, u taghmel rapporti opportuni, filwaqt li qed taghti lill-konvenuta dritt ta' access ghall-istess minuri ta' darbtejn fil-gimgha, kull nhar ta' Erbgha mill-4:00 p.m. sas-6:00 p.m. u darba nhar ta' Sibt mit-3.00.p.m. sas-6.00.p.m. b'dan li kemm il-kura u l-kustodja, u kemm l-access hawn ordnat ghandhom jigu ezercitati fl-assenza ta' terzi persuni tas-sess oppost li ma humiex familjari tal-partijiet rispettivi, u fil-kaz tal-konvenuta tali access ghandu jsir ukoll fl-assenza ta' Domenic Scerri, indikat f'dawn il-proceduri.

Illi dwar it-tielet talba attrici din qed tigi michuda *stante* li jidher li l-attur ghandu l-introjtu tieghu u fil-kaz tal-minuri ma giex ppruvat li l-istess konvenuta ghandha xi ntrojtu. Veru hemm allegazzjoni mill-attur u x-xhieda minnu

prodotti li l-konvenuta rebhet is-Super 5, pero' ma hemm ebda prova konkreta u tali f'dan ir-rigward u dak li hemm fl-istess xhieda hija biss allegazzjoni.

Illi dwar ir-raba' talba din il-Qorti xxolji l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet b'effett mid-data ta' din is-sentenza u dwar il-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-istess jirrizulta li din tikkonsisti fil-kera tal-fond 235, Manwel Dimech Street, Sliema, il-mobbli li hemm fl-istess dar u xi deheb li ttiehed mill-konvenuta li skond l-attur kellu valur ta' Lm1,000. Illi in vista' ta' dan u b'applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) tal-Kap 16** fil-konfront tal-konvenuta, tassenja l-kirja tal-fond indikat esklussivament lill-attur flimkien mal-mobbli li hemm fih, filwaqt li l-konvenuta qed tigi assenjata d-deheb li gja' jinsab fil-pussess taghha.

Illi l-hames talba ghandha tigi michuda *stante* li ma ngabu l-ebda provi dwar l-istess, filwaqt li s-sitt talba qed tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **u filwaqt li tichad it-tielet (3) u l-hames (5) talba attrici ghar-ragunijiet fuq indikati, tilqa' t-talbiet l-ohra attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

(1) Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti l-konjugi Galea minhabba adulterju u sevizzi li l-imsemmija konvenuta kkommettiet kontra zewgha, u minhabba f'hekk iz-zwieg bejn l-kontendenti tkisser irremedjabbilment ghar-ragunijiet li huma mputabbli lill-konvenuta, u wkoll peress li l-hajja bejn il-kontendenti giet resa mpossibbi u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment.

(2) Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Adriana f'idejn l-attur b'dan pero' li din il-Qorti qed tinnomina lill-Agenzija Appogg sabiex taghmel *monitoring* tas-sitwazzjoni tal-minuri u dan fl-interess suprem tal-minuri, u taghmel rapporti opportuni dwar l-istess, filwaqt li qed taghti lill-konvenuta dritt ta' access ghall-istess minuri ta' darbtejn

fil-gimgha, kull nhar ta’ Erbgha mill-4:00 p.m. sas-6:00 p.m. u darba nhar ta’ Sibt mit-3:00 p.m. sas-6:00 p.m. b’dan li kemm il-kura u l-kustodja, u kemm l-access hawn ordnat ghandhom jigu ezercitati fl-assenza ta’ terzi persuni tas-sess oppost li ma humiex familjari tal-partijiet rispettivi, u fil-kaz tal-konvenuta tali access ghandu jsir ukoll fl-assenza ta’ Domenic Scerri, indikat f’dawn il-proceduri. Tordna ghalhekk in-notifika ta’ kopja legali ta’ din is-sentenza lill-istess Agenzija Appogg a spejjez tal-attur.

(3) Tichad din it-tielet talba ghar-ragunijiet fuq indikati.

(4) Ixxolji l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-partijiet b’effett mid-data ta’ din id-decizjoni u dwar il-likwidazzjoni u divizjoni ta’ l-istess jirrizulta li din tikkonsisti fil-kera tal-fond 235, Manwel Dimech Street, Sliema, l-mobbli li hemm fl-istess dar u xi deheb li ttiehed mill-konvenuta. Illi in vista’ ta’ dan u b’applikazzjoni tal-**artikolu 48 (1) tal-Kap 16** fil-konfront tal-konvenuta, tassenja l-kirja tal-fond 235, Manwel Dimech Street, Sliema esklussivament lill-attur flimkien mal-mobbli li hemm fih, filwaqt li l-konvenuta qed tigi assenjata d-deheb li gja’ jinsab fil-pussess taghha.

(5) Tichad il-hames (5) talba minhabba nuqqas ta’ provi dwar l-istess.

(6) Tilqa’ is-sitt talba u tapplika kontra l-konvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili.**

Bl-ispejjez hlief tan-notifika fuq ordnata, a karigu tal-konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------